**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Joseph Zaffarese**

Kaz Numru: 734/14

Illum 9 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zaffarese, ta' 40 sena, iben Simon (Simeon) u Catherine nee' Callus, imwieled Bormla, fil-11 ta' Jannar, 1974 u residenti 37, Flat 2, Triq Felic, Bormla jew 'Simkat' Triq il-Fortizza, Xghajra, Zabbar detentur ta' karta tal-identita' 102274 (M):

Akkuzat talli fit-18 ta' Marzu, 2014 gewwa Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, Malta ghal habta tas-14:30 hrs, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Melita Plc., mobbli jew immobbli billi kisser zewg display Units ghal dannu ta' €2360 u dan bi ksur tal-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli fit-18 ta' Marzu, 2014, gewwa Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, Malta ghal habta tas-14:30 hrs, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Riccardo Galea, ta' natura hafifa jew igibilha disordni f'mohhha u dan bi ksur tal-Artikili 214, 215, 221 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, zmien, lok u cirkostanzi ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt li kien taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' 18-il xahar sospizi ghal tlett snin, moghtija lilu mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LLD. nhar id-19 ta' Frar 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Krminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Joseph Zaffarese li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fit-18 ta' Marzu 2014 gewwa l-fergha ta' Rahal Gdid tal-kumpanija Melta plc. L-imputat li ghandu xi servizzi mal-kumpanija imsemmija mar fil-fergha biex jilmenta dwar kont li kien ircieva billu skontu kien hemm xi diskrepanzi. Inqala' dizgwid bejn l-impjegat tal-kumpanija Ricardo Galea u l-imputat li eskala tant li gew fl-idejn. Ricardo Galea garrab xi griehi li gew certifikati bhala griehi hfief.

Il-versjonijiet moghtija mill-parte leza waqt ix-xhieda tieghu u d-dikjarazzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu huma alkwantu differenti minn xulxin. Gie anki ezebit cctv footae tal-incident biss pero'ma giex prodott il-persuna li fil-fatt iddawnlodjat dan il-footage u li effettivament min ghadda dan il-footage lill-pulizija. Kwindi hemm element ta' nuqqas ta' kontroll ta' kif tali dokument gie prezentat in atti. Ghalhekk tali footage m'ghandux valur probatorju.

Il-kumpanija Melta plc allegat li konsewenza ta' dan l-incident sofriet hsarat ammontanti ghal madwar €2360. Tressqu diversi

rapprezentanti tal-kumpanija fosthom Ray Scicluna u Anthony Aquilina li pero' hadd minnhom ma pprezenta kemm kienu jiswew l-allegat mobbli li gew danneggjati. Giet prezentata biss stima li thejjiet abbazi ta' informazzjoni moghtija minn min weetaq ix-xogholijiet. Il-persuna li wettqet ix-xogholijiet ma tressaqx bhala xhud, dan mhux b'konsegwenza ta' nuqqas tal-ufficjal prosekutur izda ghaliex il-kumpanija baqghet ma tatx informazzjoni dwar l-identita' tal-persuna. Fi kwalunkwe kaz il-kumpanija baghtet email lill-ufficjal prosekutur fejn indikat li ma kellhiex aktar interess f'tali proceduri. Din il-Qorti pero' mhux se tiddikjara tali imputazzjoni bhala procediment ezawrit ghaliex l-ammont allegat jaqa' fil-faxxa ta' imputazzjoni li ma tistax tigi rinunzjata, izda certament tali imputazzjoni ma gietx sostanzjata u ghalhekk l-imputat se jigi liberat minnha.

Il-parte leza, Ricardo Galea, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2016 iddikjara li huwa ma kellux aktar interess fil-proceduri odjerni u ghalhekk kien qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat fejn jirrigwarda lilu. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni l-Qorti se tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala procediment ezawrit.

It-tielet imputazzjoni hija konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet l-ohra u fid-dawl tas-suespost ma tistax tinstab htija. Oltre' dan jigi rilevat li s-sentenza moghtija fid-19 ta' Frar 2014 ma gietx lanqas prezentata in atti.

L-addebitu tar-recediva huwa wkoll konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet l-ohra u ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala procediment ezawrit, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-kofront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**